# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 8-13

**Data: 25ta' Lulju** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop gharrfet lill-Kunsill li l-minuti tas-seduta 6.13 jistghu jigu approvati kif miktuba.Il-Kunsill ircieva l-verifika mid-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn qal li huwa car li wara li s-seduta tigi aggornata is-seduta tkun maghluqa u ghalhekk m'ghandu jitnizzel xejn aktar fil-minuti. B'hekk dawn gew approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno. Il-minuti tas-seduta nru 7.13 gew approvati fuq proposta tas-Sindku Speranza Chircop sekondata mill-Vici Sindku Chris Bruno.

Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet li is-seduta tal-Kunsill tibda tigi rekordjata ghall-fini tal-kitba tal-minuti, din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Paul Bongailas u approvata b'vot unanimu.

2. **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji wara l-Awditjar**

Is-Sindku ressqet l-Estimi Finanzjarji finali ta' wara l-Awditjar ghas-sena 2012 u wara li l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Adrian Chircop fiehem lill-Kunsilliera is-sitwazzjoni finanzjarja u x'kambjamenti kien hemm rizultat tal-Awditjar, il-Kunsill approva b'vot unanimu dawn l-Estimi Finanzjarji.

**3. <u>Punti Mqajjma mill-Minuti.</u>**

3.1 Dwar punt nru 3 mill-minuti precedenti - Il-poggaman tal-Isqaq l-Ixprunara jew Sqaq Marina Nru 3, il-Kunsill iddecieda li ssir talba lid-Dipartiment tal-Health and Safety sabiex jaghmlu l-osservazzjoni taghhom u wara tigi diskussa din l-osservazzjoni waqt is-seduta tal-Kunsill.

3.2 Dwar punt nru 4.1d mill-minuti precedenti - Il-plot fi Triq Straubenzee – Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat reminder lill-Pulizija sabiex naraw ir-rapport fiex wasal.

3.3 Dwar punt nru 4.5c mill-minuti precedenti – Il-Kunsill qabel li jitnehha ir-reserved parking li hemm bla uzu fi Triq il-Villa tal-Ammirall u jitrangaw il-qisien tal-parking bays skond ir-regolamenti ta' TM.

3.4 Dwar punt nru 6 mill-minuti precedenti - Attivitajiet ghas-Sajf – Il-Vici Sindku is-Sur Chris Bruno semma li s-Serata b'risq Puttinu li ser issir nhar il-Gimgha 23ta' Awwissu fis-7.00p.m, ser ikun hemm show tal-cakes, show tal-muturi, crafts, animators, jumping castle, face painting, train fil-Kalkara, quddiesa moderna, band, Mro Joe Brown, kantanti ohra. Prezentazzjoni Shana u Wayne.

3.5 Dwar punt nru 7.1 mill-minuti precedenti - *Dumping* fi Triq il-Genista, ghandu jigi kkonfermat jekk din l-ghalqa tnaddfitx.

3.6 Dwar punt nru 9. mill-minuti precedenti – il-Kunsill qabel li fis-seduta li jmiss nhar is-27 ta' Awwissu fil-5.30 ta' filghaxija tal-Kunsill jigu diskussi l-progetti li ser jitnizzlu fuq ir-Rapport ta' Hidma u diskussi waqt il-laqgha pubblika.

**4. <u>Komunikat mis-Sindku.</u>**

Is-Sindku ma kelliex komunikat oltre dak li ser jigi diskuss fis-seduta.

**5. <u>Mistoqsijiet u Punti mqajjma mill-Kunsillieri</u>**

5.1 <u>Il-Kunsillier Vince Bongailas qajjem dawn il-punti</u>:

a. Is-Sur Bongailas enfasizza li l-ilmenti li kien ghadda fis-seduti li ghaddew ftit minnhom ghadha ma ttiehdet l-ebda azzjoni. Huwa sahaq li qabel ma dawn l-ilmenti jissolvew huwa mhuwiex se jghaddi ilmenti ohra. Fost dawn l-ilmenti hemm il-fanali fl-isqaq tieghu li ghadhom ma twahhlux, Is-Sindku qalet li dawn ghandhom jitwahhlu fiz-zmien li gej.

b. Staqsa jekk jistax juza Dawradurella ghal xi lezzjonijiet tal-muzika lit-tfal. Is-Sindku qaltlu li Dawradurella qieghed f'idejn il-Kunsill ghal zmien limitat, filfatt peress li ser isir il-progett tal-MCST dawn talbu lill-Kunsill sabiex jikklerja l-postijiet kollha li hemm f'Bighi sa Settembru 2013.

c. Titnaddaf l-area tal-Kunsill u titwahhal tabella sabiex ma jhammgux, huwa qal li mportanti li jitqassmu avvizi lir-residenti biex izommu l-ambjent nadif. Titnaddaf l-area u titranga u is-sigra taz-zebbug.

Huwa gie skuzat mis-seduta fis-7.30 ta' filghaxija.

5.2 Il-Vici Sindku Chris Bruno qajjem dawn il-punti u lmenti:

a. Hemm bzonn li jinzabru xi pjanti fil-"bebbuxu' fid-dawra ta' Bighi minhabba li qed tostakola l-bankina.

b. Semma li hemm xi ghidud li fil-Progett tal-MCST ser tinqala l-pjazza ta' fejn il-Kunsill. Huwa ippropona li ssir laqgha mac-Chairman tal-MCST Dr Jeffrey Pullicino Orlando.

5.3 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti u lmenti:

a. Jigi avzat il-Kuntrattur tal-gbir ta' skart imhallat bieb bieb sabiex jahsel l-iskips minhabba diversi ilmenti minn residenti li dawn mhumiex jitbattlu u jinhaslu kif suppost. Hija issuggeriet sabiex tingibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur sabiex meta dan ikun qieghed ibattal l-iskips u jinnota skart goff dan jinforma lill-Kunsill.

b. Staqsiet kif inhu l-process ghall-permessi tal-BBQ fil-bajja ta' Rnella. Is-Sindku qalet li fuq ir-ramla twahhlu t-tabelli li ma jistghux isiru bbqs fuq ir-ramla, pero biex isiru fuq is-simenta dawn jistghu jigu jaghmlu l-permess il-Kunsill Lokali Kalkara. Hija sahqet sabiex isir iktar patroll mill-pulizija. Is-Sindku qalet li kemm il-darba ghadda dan ir-rapport lill-pulizija u l-Kunsill ser ikompli jishaq li dan il-patroll ghandu jibqa kontinwu.

c. Hija staqsiet dwar il-Caravan li tpogga fuq is-simenta gewwa, il-Kunsill x'passi ha. Is-Sindku qalet li dan gie irrappurtat u ittiehdet l-azzjoni mehtiega. Il-Kunsill b'decizjoni unanima iddecieda li ghandha tinghata ordni sabiex din l-area imsemmija tinghalaq minhabba periklu u issir aktar pressjoni fuq il-pulizija sabiex jinfurzaw.

d. Ipproponiet sabiex tinbidel il-bin iz-zghira tal-plastic fil-pjazza sagra familja u ssir Bring in Site kbira.

5.4 Il-Kunsillier Paul Bongailas qajjem dawn il-punti u lmenti:

a. Huwa ippropona sabiex is-sena d-diehla ma jinghalqux l-accessi tat-toroq mit-Tnejn fil-gimgha tal-festa. Is-Sindku qalet sabiex is-sena d-diehla din tigi diskussa mal-Ghaqdiet tal-baned minhabba li huma jaghmlu dawn it-talbiet mal-pulizija.

b. Issir ic-centre strip jew roundabout fi Triq Santu Rokku qabel Triq il-Missjoni Taljana fejn il-Pickless farm minhabba li hemm periklu. Il-Kunsill qabel sabiex din tigi proposta Transport Malta ghall-approvazzjoni taghhom.

c. Huwa staqsa ghalfejn waqaf ix-xoghol fil-'bebbuxu' fid-dawra ta' Bighi. Is-Sindku qalet li gie ikkuntattjat il-kuntrattur sabiex jithaffef ix-xoghol u jitlesta mill-aktar fis possibli. Il-Kunsill ippropona sabiex jintalab meeting mal-Kuntrattur sabiex jigu diskussi xi xogholijiet li ghandhom jitlestew minn naha tieghu.

d. Staqsa ghal liema raguni tpoggew pots vojta fil-pjazza quddiem Block A. Is-Sindku qalet li dawk tpoggew sabiex ma jipparkjawx karozzi mal-bini pero dawn kellhom jimtlew bil-fjuri.

e. Jitilghu il-bnadar ta' quddiem l-ufficcju tal-Kunsill Lokali.

f. Ippropona li jiccaqlaq l-arblu li hemm fil-Pjazza Arcisqof Gonzi.

## 6. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Giet approvata il-lista ta' Pagamenti bir-referenza 08.13

## 7. Korrispondenza

a. Talba ghal-Zebra Cross fejn sar l-incident. Il-Kunsill iddecieda li jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Trasport Malta.

b. Saret talba mis-Sur Farrugia biex ibiddel l-arm tad-dawl li hemm fuq in-nru 49 Triq il-Kapuccini u jsir fanal minflok ghas-spejjes tieghu. Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni diment li mhuwiex ser jigi affettwat l-ammont ta' dawl tal-akwata.

**c.** Talba minghand il-Klabb tar-Tennis ta' Rnella ghal laqgha mal-Kunsill. Il-Kunsill iddecieda li din il-laqgha ghandha tissejjah it-Tlieta 20 t'Awwissu 2013 fil-5.00 ta' filghaxija.

d. Giet talba minn grupp ta' nies li ghandhom id-dghajjes fl-area tax-Xewkija fejn talbu li jwahhlu CCTV cameras ghas-spejjes taghhom. Il-Kunsill iddecieda li ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba, bil-kundizzjoni li jkollu isem il-persuna li qed tiehu hsieb ir-recording tal-camera.

e. Talba mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp ghall-6 imwejjed u 18 il-siggu quddiem il-kazin taghhom fi Pjazza Arcisqof Gonzi kull weekend sa Settembru. Il-Kunsill qabel li jinhareg il-permess skond l-Avviz Legali 119/2002 u bil-kundizzjoni li ma tigix ostakolata l-bankina. L-Ghadqa staqsiet ukoll dwar id-data ta' meta ser isir il-Kuncert Muzikali ta' Jum il-Kalkara u l-Kunsill iddecieda li dan isir is-Sibt 14 ta' Dicembru 2013 fis-sala tal-Iskola Primarja Kalkara, Kullegg Santa Margerita.

## 8. Aggornament

Is-Seduta spiccat fit-9.30 ta' filghaxija u aggornata ghas-27 ta' Awwissu 2013 fil-5.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop | Sharon Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |